# EPITHALAMIUM

*Ta'* PETER CARUANA

*Lis-Sinjura A. E. Schembri Theobald f'jum it-Tieġ tagħha mas-Sur C. Schembri, nhar il-Għid, 21-4-57.*

Iġru tfal fit-toroq kollha;
xerrdu ward ma' kullimkien.
Iġru u għajtu, għajtu u iġru,
għax ma jerġa' qatt daż-żmien.

Fuq ġwinħajn il-ħamiem abjad
rajt is-safa ta' l-għarus:
Qalb is-suf tal-ħrief bajdana
rajt tjubitu tiġri u ssus.

Fuq il-warda ta' ġol-ġnejna
rajt l-imħabba f'żewġt iqlub.
Rajtha asaħħ mill-ħadid iebes
li bin-nar jinħall u jdub.

Rajt l-għarusa bil-mant abjad
war' riġlejha jkaxkar fl-art.
Rajtha liebsa kollha bjuda.
F'idha kollha bukkett ward.

Rajt għajnejha jibbru jibbru
donnhom f'sema żewġ kewkbiet:
Rajt ħaddejha ħomor ħomor
donnhom f'ġnejna żewġ wardiet.

Iż-żmien igħaddi, is-snin igerrbu,
'mma l-imħabba ma tmut qatt.
Tibqa' għalih, hu jibqa' għaliha
l-egħżeż ħaġa fuq kulħadd.

Iġru tfal fit-toroq kollha;
xerrdu ward ma' kullimkien.
Iġru u għajtu, għajtu u iġru,
għax ma jerġa' qatt daż-żmien.